FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 04 TA' NOVEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri

vs

Christian Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 323685M akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-18 u s-27 ta' Lulju 2009 minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li jinsab Triq Bieb is-Sultan, Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-elettriku li l-valur taghhom jeccedi il €2329.40 (LM1000) ghad-dannu ta' Michel Peplow u/jew Marvic Testa u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u bil-mezz u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 264, 267, 279(b), u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 50 261, 263, 264, 267, 279(b), u 280(2) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghaz-zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona.

Magistrat.